MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 787/2003

**Commonwealth Educational Society Limired ta' Nassau, Bahamas kif rapprezentata lokalment mill-mnadatarju taghha Godfrey Aquilina**

**vs**

**Eugenio Caruana**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' April 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u wiehed u tletin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm131.92) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' diversi kotba mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut ai termini tal-iskrittura datata 31 ta' Dicembru 1999.
Bl-imghaxijiet fuq is-somma mitluba mid-data tal-ittra ufficjali sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-13 ta' Novembru 2001 kontra l-konvenut ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-PL Josette Attard in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ mija u wiehed u tletin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm131.92), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta’ Novembru 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------